ĦARĠA NUMRU 18 - SAJF

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# GĦEŻIEŻ QARREJJA,

Wasal Ġunju u miegħu ġab it-temp sħun tas-sajf. Dan l-istaġun huwa maħbub minn ħafna, speċjalment minn dawk li jħobbu jqattgħu l-ħin liberu fejn il-baħar u d-dilettanti tal-festi fl-ibliet u l-irħula. Għalkemm għal bosta jfisser iktar ħin ta' mistrieħ, għall-bdiewa u r-raħħala dan l-istaġun iġib miegħu iktar xogħol u tbatija fl-għelieqi. Lulju u Awwissu huma l-iktar kefrin, għaliex it-temperatura tilħaq anki l-35 grad. Huwa importanti li min jaħdem fuq barra jevita l-qilla tax-xemx bejn il-ħdax u t-tlieta ta' waranofsinhar u min ma jistax jagħmel mod ieħor, almenu juża xi tip ta' protezzjoni biex jieħu ħsieb saħħtu.

Għalkemm pajjiżna huwa żgħir, dan l-istaġun ikun ippakkjat b'avvenimenti ta' tradizzjoni, kultura u storja, u wieħed ma jistax ma jsemmix l-Imnarja, li tiġbor dan kollu f'festa waħda. F'din il-festa jkollna l-opportunità li napprezzaw xogħol il-bdiewi u r-raħħal, f'numru ta' esibizzjonijiet li jittellgħu l-buskett. Għal ħafna din hija wkoll opportunità sabiex jitgħallmu dwar l-agrikoltura f'pajjizna u anki jduqu ikel tradizzjonali u l-frott u ħxejjex tal-istaġun.

F'din il-ħarġa għandna għalikom ħafna artikli li ninsab ċerta li se ssibuhom ta' interess, dejjem grazzi għall-kontributuri li ta' kull staġun jibagħtulna l-informazzjoni dwar dak li jkun għaddej madwarna.

Nittama li bħas-soltu tintlaqa' tajjeb magħkom il-qarrejja u tinsewx tissieħbu magħna fuq il-paġna ta' Facebok Nisġet Artna sabiex tibqgħu dejjem infurmati dwar dak li jkun qed iseħħ fis-settur agrikolu.

Tislijiet,

*Claire Cauchi*

## NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali
Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività,
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp L-Għammieri,
Triq l-Ingiered, Il-Marsa, MRS 3303



Ritratt
Joseph Mercieca
Għar ta' Mixta, Nadur Għawdex

Kordinatriċi
Leanne Bajada

Editur
Claire Cauchi

Kontributuri
David Bartolo
John Gauci
Robert Cutajar
Maria Micallef
Claire Cauchi
Marilyn Theuma
Jeffrey Sciberras
Arnold Sciberras
Dr. Keith Buhagiar
Kimberly Terribile
Anton.B. Dougall
Mario Salerno
Adrian Bugeja Douglas
Jorge Spiteri

Qari tal-provi
Braden Saffrett

Disinn
Max Saliba

Stampar
Government Printing Press

## Werrej

04. L-ISTUDENTI TAL-MCAST FI SQALLIJA
05. JIFTAĦ L-ISTAĠUN TAT-TONN 2019
06. IL-ĦAMES EDIZZJONI TAS-SIMPOŻJU INTERNAZZJONALI TAL-PRODOTTI TAN-NAĦAL
07. NIGGARANTIXXU FUTUR TAJJEB GĦAS-SETTUR AGRIKOLU
08. IS-SIGAR TAT-TAMAL F'MALTA
10. JINTEMM B'SUĊĊESS KORS DWAR IL-VITIKULTURA
11. KAMPANJA NAZZJONALI DWAR L-ADDOZZJONI TAL-KLIEB U L-QTATES TĦALLI RIŻULTATI POŻITTIVI
12. SUĊĊESS GĦALL-WINE APPRECIATION EVENT
14. IL-PARK NAZZJONALI TA' TA' QALI U L-UŻU TAL-MALTA FLORA & FAUNA APP
15. INVESTIMENT FIL-BIĊĊERIJA
16. IL-KAPPELLA TA' SAN PAWL EREMITA
17. TOWARDS A NET ZERO IMPACT UTILITY
18. ABITAZZJONIJIET U STRUTTURI AGRIKOLI FL-IMGĦODDI
20. IL-BDIEWA ORGANIĊI F'MALTA
20. PESTIĊIDI BOTANIĊI MINN PJANTI LOKALI
22. ARTIKLU GĦAT-TFAL - INSALVAW IN-NAĦAL
23. RIĊETTI TA' ANTON B DOUGALL



# IMPENJATI LI NKOMPLU NWETTQU

Reġa' wasal l-istaġun tant mistenni minn bosta familji u tfal, l-istaġun tas-sajf. Ħafna huma dawk li f'dan iż-żmien jaqtgħu mir-rutina u jagħżlu li jmorru xi vaganza. Iżda dan mhuwiex staġun faċli għal kulħadd, u hawnhekk ħsiebi jmur fil-bdiewa tagħna li jkollhom jissuktaw b'ħidmiethom fix-xemx qalila tas-sajf Malti.

F'din ir-rivista se tkunu tistgħu taqraw dwar ftit mill-ħidma li saret matul dawn l-aħħar tliet xhur, għaliex kienu ġimgħat impenjattivi ħafna. B'sodisfazzjon nista' ngħid li kien approvat il-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, "Towards a Net Zero Impact Utility," b'investiment ta' aktar minn €130 miljun biex tittejjeb b'mod drastiku l-kwalità tal-ilma f'Malta u f'Għawdex, jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja, tikber l-effiċjenza u jiġi kkonservat l-ilma tal-pjan. Lill-bdiewa tagħna kontinwament nissalvagwardjawhom mhux biss f'pajjiżna imma wkoll barra minn xtutna fejn kemm-il darba insistejt fuq l-importanza li jkomplu jieħdu l-fondi relattivi bħala mod addizzjonali. Ħabbarna investiment ieħor fil-biċċerija tal-Marsa b'valur ta' €125,000. Dan l-investiment jinkludi restawr ta' struttura li kienet iżżomm l-ilma kif ukoll xogħol ta' tibdil ta' soqfa u toroq interni u beħsiebna nkomplu ninvestu. Kien ta' pjaċir għalija li rnexxielna norganizzaw il-Wine Appreciation Event b'suċċess fejn dawk li attendew setgħu jduqu u japprezzaw l-inbejjed distinti prodotti fil-Gżejjer Maltin. Il-mira li jmiss issa hija li jkollna l-ewwel rotta tal-inbid f'Malta u f'Għawdex.

Minn żmien għal żmien niltaqa' mas-sajjieda fejn fosthom niddiskuti l-aħjar toroq għas-settur. Għall-istaġun 2019 żidna l-kwoti għat-tonn b'34,000kg biex b'hekk il-kwota nazzjonali issa hi dik ta' 353,200kg. Għall-ewwel darba nħarġet ukoll liċenzja speċjali għal 52 sajjied b'bastiment inqas minn 12-il metru fejn il-kwota allokata għal din il-kategorija qiegħda tlaħħaq l-40,500kg. Il-ħarsien tal-annimali huwa prijorità għal dan il-Gvern u minn żmien għal żmien niltaqa' mal-NGOs u s-santwarji li jieħdu ħsieb l-annimali, sabiex ngħaddulhom għajnuna finanzjarja biex ikomplu jagħmlu x-xogħol tant siewi li qegħdin jagħmlu.

Nittama li din ir-rivista ssibuha ta' interess u filwaqt li nawguralkom jiem ta' mistrieħ flimkien mal-familji tagħkom, inwegħedkom li bħalma għamilt f'dawn l-aħħar sentejn se nkompli naħdem biex insaħħaħ is-setturi li jien responsabbli minnhom. Il-bdiewa, ir-raħħala, is-sajjieda kif ukoll il-ħarsien tal-annimali huma lkoll f'qalbna.

Inselli għalikom,

*Clint Camilleri*

# L-ISTUDENTI TAL-MCAST FI SQALLIJA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Kimberly Terribile
Lekċerer fiċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwakultura u Xjenzi tal-Annimali tal-MCAST

It-tagħlim vokazzjonali għandu l-għan li jipprepara lill-istudenti għad-dinja tax-xogħol permezz ta' taħriġ tekniku, taħriġ prattiku u esperjenzi fl-industrija. Kien proprju minħabba l-għarfien tal-bżonn ta' esperjenza fl-industrija, li f'Marzu li għadda, iċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwakultura u Xjenzi tal-Annimali fi ħdan l-MCAST organizza mawra għall-istudenti fi Sqallija.

L-istudenti u l-għalliema tagħhom żaru fost oħrajn, razzett tal-maskli li jinsab f'Ganzirri, f'Messina. L-istudenti tgħallmu fuq il-proċess kollu tat-tkabbir tal-maskli minn meta jibda t-tkabbir sa meta l-prodott ikun lest għall-esportazzjoni, jitnaddaf, u jiġi ppakkjat. Żaru wkoll il-post fejn jitkabbru erba' tipi ta' arzell/gandoffli *(clams)* u tgħallmu dwar dik l-imsejħa "0 km food policy" fejn l-arzell jinbiegħ u jittiekel fl-istess post fejn ikun tkabbar.

L-istudenti kellhom esperjenza fir-reġjun ta' Fiumefreddo. Huma ltaqgħu ma' produttur u xjenzat li jaħdem fl-industrija tal-gambli tal-ilma ħelu *(crayfish)*. Din il-kumpanija, li hija waħda minn tal-ewwel li tkabbar dawn il-gambli fi Sqallija, tiffoka fuq it-tkabbir ta' din l-ispeċi, bil-għan li l-prodott jinbiegħ lill-ħwienet u lir-restoranti tal-viċin. L-istudenti żaru l-post fejn jitkabbru dawn l-ispeċi minn meta jkunu frieħ, sa ma jinbiegħu fis-suq. Waqt li kienu f'dan ir-reġjun, l-istudenti tgħallmu wkoll dwar il-produzzjoni tal-papiru *(Papyrus)*, li hija tip ta' karta ħoxna li fl-antik kienet tintuża flok il-karta li nużaw illum il-ġurnata. Fl-aħħar nett, l-istudenti żaru nursery tal-pjanti - intrapriża li tipproduċi mat-300,000 pjanta tal-*bougianvillea* għall-esportazzjoni.

Waqt li kienu Sqallija, l-istudenti żaru wkoll farm organiku fir-reġjun ta' Ispica. Dan il-farm li hu mifrux fuq 60 ettaru, jipproduċi mal-200 miljun kilo ta' karrotti organiċi. L-istudenti raw kif il-prodott jiġi ppreparat għall-esportazzjoni lejn l-Iżvezja, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Iżvizzera. F'dan l-istess post, tgħallmu wkoll dwar il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u l-użu tiegħu fil-prodotti lokali.

L-istudenti żaru wkoll nursery tal-pjanti ġewwa Vittoria li huwa l-produttur ewlieni tax-xitel fin-Nofsinhar tal-Italja. Hawnhekk tgħallmu dwar il-produzzjoni tax-xitel u t-tilqim tal-pjanti. Żaru wkoll is-serer li jintużaw biex jitkabbar it-tadam u l-bżar aħdar.

Permezz ta' din il-mawra edukattiva l-istudenti kellhom l-opportunità jaraw u jitgħallmu dwar prattiċi ġodda fis-setturi tal-agrikoltura u l-akkwakultura waqt li jżuru entitajiet li joffrulhom esperjenza ħajja tad-dinja tax-xogħol fis-settur tagħhom.


Produzzjoni ta' tadam organiku ġewwa Natura Iblea


Produzzjoni tal-maskli


Produzzjoni ta' gandoffli ġewwa Ganzirri Lake (Lago Grande)


Ritratt tal-istudenti ġewwa Artemisia

# JIFTAĦ L-ISTAĠUN TAT-TONN 2019

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, Clint Camilleri, ħabbar li għall-istaġun 2019 se jkun hemm żieda fil-kwoti għat-tonn b'34,000kg biex b'hekk il-kwota nazzjonali issa hi dik ta' 353,200kg. Is-Segretarju Parlamentari stqarr li għall-ewwel darba nħarġet liċenzja speċjali għal 52 sajjied b'bastiment inqas minn 12-il metru fejn il-kwota allokata għal din il-kategorija se tkun qiegħda tlaħħaq l-40,500kg.

Dawk is-sajjieda li huma awtorizzati li jaqbdu l-pixxispad ġew allokati 9.7 tunnellati ta' kwota bejniethom bil-proċeduri tal-by-catch. Dgħajjes f'din il-kategorija li huma taħt it-12-il metru huma intitolati għal żewġt (2) irjus bis-sistema tal-by-catch fl-istaġun, filwaqt li dawk aktar minn 12-il metru huma intitolati għal erbat (4) irjus bis-sistema tal-by-catch fl-istaġun.

Għal darb'oħra dan il-Gvern qiegħed joffri aktar opportunitajiet lis-sajjieda biex itejbu d-dħul dirett finanzjarju tagħhom fejn dan qed isir permezz ta' sistemi li jgawdi minnhom kulħadd, sostna s-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri fejn tenna li l-wegħda tal-Gvern hija li tispiċċa darba għal dejjem il-mentalità antika li l-Gvern jibgħat lis-sajjieda jkissru d-dgħajjes tagħhom.

Għaldaqstant il-kwota għall-istaġun 2019 se tkun imqassma hekk:

| Kategorija | Kilogrammi |
|---|---|
| 63 bastiment awtorizzat | 296,000 |
| 52 bastiment taħt it-12-il metru | 40,500 |
| Il-bastimenti l-oħra li ma jidħlux fiż-żewġ kategoriji msemmija se jkunu intitolati għall-by-catch | 9,700 |
| Kontinġenza (Dipartiment) | 5,000 |
| Sajd rikreattiv | 2,000 |

Din iż-żieda hija waħda bla preċedent u hija miżura li għandha l-għan li tinċentiva lil sajjieda żgħar jidħlu f'dan is-settur. Għal din is-sena l-istaġun, għal dawk is-sajjieda bil-kwota tradizzjonali, fetaħ mill-20 t'April sal-31 ta' Diċembru 2019, filwaqt li għal dawk is-sajjieda li qed jikkwalifikaw għal-liċenzja l-ġdida temporanja, l-istaġun fetaħ mill-1 ta' Mejju sad-19 ta' Ġunju 2019. Għal dawk rikreazzjonali fetaħ mis-16 ta' Ġunju sal-14 ta' Ottubru.

Dak li tħabbar mhux biss huwa l-bidu ta' staġun imma l-bidu ta' aktar opportunitajiet lil dan is-settur. Il-Gvern lis-sajjieda jrid ikompli jixprunahom u jagħtihom il-kuraġġ li jinvestu u jtejbu l-qagħda tagħhom, sostna s-Segretarju Parlamentari.



Photo - MESDC - JOSEPH MERCIECA



Photo - DOI - PIERRE SAMMUT

# IL-ĦAMES EDIZZJONI TAS-SIMPOŻJU INTERNAZZJONALI TAL-PRODOTTI TAN-NAĦAL

Dan l-artiklu nkiteb minn
Adrian Bugeja Douglas
u Jorge Spiteri

Il-5 edizzjoni tas-Simpożju Internazzjonali dwar Prodotti tan-Naħal, organizzata mill-Kummissjoni Internazzjonali tal-Għasel (IHC) flimkien mal-APIMONDIA saret f'Malta mis-6 sal-10 ta' Mejju 2019. Dan ġie organizzat mis-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd, u Drittijiet tal-Annimali f'kollaborazzjoni mal-Malta Beekeepers Association (MBA).

Dan is-simpożju huwa avveniment ta' referenza fil-qasam tal-analiżi u r-riċerka tal-prodott tan-naħal. F'dan l-avveniment ta' kull sentejn, ix-xjentisti ewlenin minn madwar id-dinja jippreżentaw l-istudji u s-sejbiet tagħhom. Il-Kungress ipprovda l-pjattaforma ideali għall-iżvilupp tal-għarfien u l-iskambju ta' ideat fil-qasam tal-apikultura.

Matul is-simpożju ġiet organizzata kompetizzjoni ta' għasel lokali. Il-ġudikaturi, esperti barranin tal-għasel ippremjaw diversi naħħala Maltin għall-għasel hekk kif ġej:

Is-Sur Samuel Zahra- l-ewwel premju għall-għasel tar-rebbiegħa,

Is-Sur Mario Axisa- it-tieni premju għall-għasel tar-rebbiegħa,

Is-Sur Mario Sant- it-tielet premju għall-għasel tar-rebbiegħa;

Is-Sur Saviour Masini- l-ewwel premju għall-għasel tas-sajf u t-tieni premju għall-għasel tal-ħarifa

Is-Sur Victor Busuttil- l-ewwel premju għall-għasel tal-ħarifa.

Is-simpożju inkluda wkoll sessjonijiet prattiċi mmexxija minn esperti barranin u anki lokali ġewwa miġbħa privata fejn saħansitra għadu jitrabba n-naħal fil-qolla, jiġifieri struttura tradizzjonali tal-fuħħar. F'dawn is-sessjonjiet illi saru fl-ewwel tlett ijiem ġew ukoll spjegati prodotti oħra li tipproduċi n-naħla u li għandhom valuri nutrittivi anki għalina l-bniedmin, fosthom it-trab tad-dakra (pollen) u l-ħalib tan-naħla (royal jelly) bl-għan li n-naħħal Malti jesplora iktar dawn il-prodotti li mhumiex daqshekk komuni fis-suq lokali. Intwerew ukoll metodi ta' kif wieħed jista' jeżamina n-naħal sabiex ikattar naħal lokali bl-aqwa karatteristiċi.

Ġew żvelati wkoll xi riżultati minn studju promettenti fuq in-naħal Malti tas-sottospeċi Apis mellifera ruttneri li jikkonfermaw illi dan huwa l-aħjar naħal addattat għal Malta. Iktar fuq dan għandu jiġi ppubblikat uffiċjalment f'kitbiet xjentifiċi fi żmien qarib. Milqugħa b'entużjażmu kienet il-wegħda illi għamel is-Segretarju Parlamentari nnifsu l-Onorevoli Clint Camilleri, fejn fuq apprezzament tax-xogħol volontarju li qed isir mill-MBA u Breeds of Origin fuq in-naħla Maltija, il-Gvern ser jappoġġja bis-sħiħ lil dan is-settur biex jagħtih dimensjoni ġdida.

Finalment id-delegati internazzjonali ttieħdu fil-miġbħa storika tax-Xemxija. Huma ngħataw spjegazzjoni mis-Sur Adrian Bugeja Douglas mill-Malta Beekeepers Association.



# NIGGARANTIXXU FUTUR TAJJEB GĦAS-SETTUR AGRIKOLU

Waqt li indirizza l-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għall-Agrikoltura u s-Sajd li tlaqqa' fil-15 t'April 2019 fil-Lussemburgu, dwar ir-regolamentazzjoni tal-pjan strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni, is-Segretararju Parlamentari Clint Camilleri saħaq illi filwaqt li b'mod ġenerali nagħrfu u nifhmu li l-inizjattivi ambjentali għandhom impatt dirett fuq is-settur agrikolu, l-iffinanzjar ta' dawn l-inizjattivi ambjentali għandhom isiru b'tali mod li jikkumplimentaw l-inizjattivi li jittieħdu b'mod dirett fil-qasam agrikolu.



Photo - MESDC - JOSEPH MERCIECA

Għaldaqstant, tenna li huwa bżonjuż illi l-bdiewa jkomplu jieħdu l-fondi relattivi bħala mod addizzjonali u mhux bħala parti diretta mill-investiment li jkun qiegħed isir f'dawk li huma inizjattivi ta' investiment fl-agrikoltura.

Is-Segretarju Parlamentari Camilleri sostna wkoll li bdiewa żgħar u mikro, li fil-kuntest Malti huma l-bdiewa kollha, għandhom ikomplu jiġu eżentati mill-kontrolli futuri f'dak li huwa marbut mal-kondizzjonalità ambjentali, fejn l-opinjoni ta' Malta hija li l-miri ambjentali jistgħu jinkisbu xorta mingħajr ma jiżdiedu l-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż b'mod sostanzjali jekk dawn il-kontrolli ma jibqgħux jiġu eżentati.

"Ma rridux ninsew illi l-għan ewlieni tal-Politika Agrikola Komuni huwa li jiggarantixxi futur tajjeb għas-settur agrikolu u għalhekk l-għanijiet ambjentali m'għandhomx jikkompromettu l-miri ġenerali ta' din l-istess politika," temm id-diskors tiegħu s-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.



# IS-SIĠAR TAT-TAMAL F'MALTA

Is-siġra tat-tamal tagħmel parti mill-familja tal-palm *(Arecaceae)*. Ħafna mit-tamal li nsibu f'pajjiżna huwa impurtat minn barra. Għal ħafna snin il-Maltin kienu jemmnu li l-kundizzjonijiet prevalenti f'pajjiżna, fosthom il-klima, ma jagħmluhiex possibbli li jitnissel frott minn dawn is-siġar. Fl-2016 is-Sur David Debono beda jesperimenta bid-dakkir ta' dawn is-siġar u minn dakinhar 'il quddiem irnexxielu jkabbar tamal tajjeb kull sena. Skont Debono, jekk isir investiment xieraq f'dawn is-siġar, mhux biss ikollna tamal għas-suq lokali iżda jeżisti l-potenzjal li jiġi esportat 'il barra minn xtutna.

Id-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività huwa konxju ta' dan, għalhekk qed issir prova b'varjetajiet differenti ġewwa l-Għammieri sabiex inkunu nafu liema huma l-iktar adattati għall-klima ta' pajjiżna u liema l-iktar li jagħtu produzzjoni.

Din is-siġra tikber madwar 20-23 metru. Il-weraq tagħha twal bejn l-4 u s-6 metri u kull werqa jkun fiha madwar 150 werqa iżgħar ta' 30 ċentimetru. Il-ftuħ tas-siġra jkopri bejn 6 u 10 metri u minn siġra waħda taf tieħu bejn 300 u 400 kilo tamal fl-aqwa tagħha.

David qalilna li peress li hu spiss imur l-Eġittu, pajjiż bi produzzjoni kbira tat-tamal, interessah dan is-suġġett għaliex għandu għal qalbu l-agrikoltura. Dan l-interess ġabu pajjiżna u permezz ta' ħaddiema esperti f'dan il-qasam li għandu jaħdmu miegħu, beda jidentifika varjetajiet differenti li jinsabu diġà mħawlin f'pajjiżna. Hu jemmen li s-siġar tat-tamal jistgħu jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni meħtieġa għall-bdiewa sabiex itejbu l-qligħ u l-għajxien tagħhom.

F'pajjiżna t-tamal jintuża għal bosta riċetti tradizzjonali bħall-imqaret u l-qagħaq tal-għasel. Illum il-ġurnata n-nies konxji ta' x'jieklu, u dan huwa tajjeb ħafna għaliex jissostitwixxi z-zokkor fid-dieta tagħna speċjalment meta jitħallat ma' xi ċereali jew jintuża fir-riċetti tal-ħelu.

Is-siġar tat-tamal huma jew raġel jew mara. Is-siġra raġel tipproduċi l-pollen u l-mara tipproduċi l-fjuri. Sfortunatament, in-naħla ma tiġix attratta minn dawn il-fjuri, allura jrid ikun il-bidwi li b'dedikazzjoni kbira jdakkar kull għanqud manwalment. It-tamal raġel joħrog pjuma tal-qasab li tkun magħluqa ġo but. Dan irid jinqata' meta jkun għadu magħluq u tinduna li sar iż-żmien tiegħu għaliex minn aħdar jaqleb għal kulur kannella. Jekk dan jinqata' qabel, ma jkunx tajjeb u jinħela.

Id-dakra trid issir manwali meta l-għenieqed fuq is-siġra mara ma jkunux għadhom fetħu l-fjuri.



Floriana - Biskuttin





Il-bidwi jrid jitla' mas-siġra, idaħħal id-dukkar fl-għanqud u jorbtu bil-weraq tal-palm stess. B'kollox l-għanqud idum jiddakkar madwar għaxart ijiem u l-proċess isir ftit ftit hekk kif jibdew jiftħu l-fjuri. Dawn jiddakkru hekk kif malli jiftħu jsibu l-pollen ħiereġ mill-għanqud li jkun inqata' mis-siġra maskili.

Biex isir id-dakkir, is-siġra trid tkun ġiet imnaddfa. Iż-żbir irid jiffaċilita l-aċċess għall-bidwi li jkollu bżonn jitla' fil-quċċata tas-siġra biex iqiegħed l-għanqud maskili. Dan ix-xogħol ta' tindif taz-zokk irid isir b'xafra apposta u jieħu ħafna ħin speċjalment jekk is-siġra ma tkunx tnaddfet fis-snin ta' qabel. Ġaladarba titnaddaf, is-sena ta' wara is-siġra tkun teħtieġ biss żabra mill-weraq żejda li jkunu kibru matul l-aħħar staġun.

Bħal kull tip ta' palm ieħor, is-siġar tat-tamal huma suxxettibbli għall-bumunqar. Il-parir ta' David hu li jintrama drip fil-qalba tas-siġra u tissaqqa bl-insettiċida biex b'hekk ikollok trattament li jservi iktar minn xahar. Dan isir billi titniggeż f'nofs iz-zokk biex b'hekk il-bexx jidħol fil-qalba, jinżel 'l isfel u d-dud ma jkunx jista' jitla'. Huwa inutli li tbixx minn barra, għaliex dan it-tip ta' dudu jkun fuq ġewwa u ma tindunax bih qabel ma jkun tard wisq biex issalva l-palma. Il-ħajja ta' dawn is-siġar hi twila ħafna, iżda jekk tiġi attakkata mill-bumunqar kapaċi tinqered f'inqas minn xahar.

It-tnissil tal-palm isir mill-"bgħula" li ttella' s-siġra stess, fejn dawn jinqalgħu b'sengħa liema bħalha, jinżabru u jitħawlu b'sistema ta' drip sabiex jissaqqew sewwa. Ta' min jgħid li din is-siġra tħobb ħafna l-ilma u l-aħjar ambjent għaliha huwa żoni b'ħamrija ramlija. Dan għaliex l-ilma f'din it-tip ta' ħamrija ma jżommx mal-għeruq. Għalhekk huwa ideali li tintrama sistema ta' drip sabiex ikun jista' jiġi kkalkulat l-ilma li qed tieħu. Is-siġra tat-tamal tirreżisti ħafna l-klima sħuna iżda tirreżisti wkoll temperaturi kesħin.

Dan l-artiklu nkiteb minn
Claire Cauchi
Uffiċjal Agrikolu Anzjan, b'informazzjoni
mogħtija mis-Sur David Debono

Bħala valur nutrizzjonali, din il-frotta hija rikka ħafna fil-fibra u l-potassa. Fiha wkoll ħafna antiossidanti li jnaqqsu l-infjammazzjoni fil-ġisem u jtejbu l-funzjoni tal-moħħ. It-tamal jgħin sabiex inaqqas il-probabbiltà ta' mard relatat mal-qalb kif ukoll isaħħaħ is-sistema diġestiva. Din il-frotta fiha wkoll ammont sostanzjali ta' zokkor naturali li jista' jissostitwixxi z-zokkor abjad. Minħabba dan il-livell ta' zokkor, bħal kull ħaġa oħra, wieħed għandu jara li jiekol minn din il-frotta b'moderazzjoni.





# JINTEMM B'SUĊĊESS KORS DWAR IL-VITIKULTURA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Marilyn Theuma
Uffiċjal Agrikolu fi ħdan
l-Agriculture Extension Services

Kienu madwar 40 il-bdiewa li attendew bi ħġarhom għall-kors dwar il-vitikultura li ġie organizzat mill-uffiċċju tal-Extension Services b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta. Dan il-kors ġie offrut bejn Ottubru 2018 u Frar 2019 u kien maqsum fi tmien sessjonijiet. Is-sessjonijiet kienu indirizzati minn esperti f'dan il-qasam li ġejjin mid-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali u l-Università ta' Malta.

Il-kors kopra suġġetti relatati mat-tkabbir tal-għeneb għall-inbid, fosthom il-mard u n-nutrizzjoni tad-dwieli, l-immaniġġjar tal-veġetazzjoni, żbir u rmundar, il-kwalità tal-għeneb u l-inbid, l-immaniġġjar tal-ħamrija u l-irrigazzjoni.

Dawk kollha li attendew għall-maġġor parti tas-sessjonijiet ingħatalhom ċertifikat maħruġ mill-Malta University Holding Company (MUHC). Dan iċ-ċertifikat ingħata lill-parteċipanti wara li saritilhom evalwazzjoni dwar dak li kopra l-kors.

Id-domanda għal dan il-kors kienet iktar milli kien maħsub u għaldaqstant hemm il-ħsieb li jiġu organizzati korsijiet oħra simili.

L-għoti taċ-ċertifikati fis-Sala tar-Razzett l-Antik, fl-Għammieri.



Dan l-artiklu nkiteb minn
Robert Cutajar
Prinċipal fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali

# KAMPANJA NAZZJONALI DWAR L-ADDOZZJONI TAL-KLIEB U L-QTATES TĦALLI RIŻULTATI POŻITTIVI

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali fl-aħħar snin intensifika l-ħidma tiegħu fuq kampanja ta' edukazzjoni u informazzjoni dwar l-addozzjoni tal-klieb u l-qtates. Din il-kampanja kienet u għadha mifruxa sew u hija indirizzata lejn diversi setturi. Settur partikolari kien dak tal-istudenti fejn il-preżenza ta' uffiċjali tad-Direttorat fl-iskejjel spikkat b'mod partikolari anke meta wieħed iqis l-entużjażmu li wrew it-tfal lejn dak kollu li kienu qed jiġu mgħallma dwar il-ħarsien tal-annimali. Uffiċjali mid-Direttorat kienu preżenti wkoll waqt attivitajiet popolari organizzati kemm minn numru ta' Kunsilli Lokali, minn organizzazzjonijiet mhux governattivi kif ukoll dawk privati, u r-rispons minn dawk preżenti kien wieħed tajjeb.

It-tabella t'hawn taħt tinkludi statistika ta' kemm ġew addottati klieb u qtates mill-pubbliku f'dawn l-aħħar snin. In-numri li jidhru fit-tabella huma xhieda taż-żieda sinifikanti li kien hemm fl-addozzjonijiet mill-pubbliku fl-aħħar snin f'pajjżna.

Id-Direttorat jibqa' determinat li jkompli jżid l-impenn tiegħu sabiex inkomplu ntejbu r-riżultati miksuba sa issa.

## ĦIDMET ID-DIRETTORAT IMRESSQA DEJJEM AKTAR VIĊIN IN-NIES

Fl-aħħar xhur id-Direttorat kompla jiddiversifika u jintensifika l-ħidma tiegħu biex joħroġ mill-uffiċċju u jkun dejjem aktar viċin in-nies b'parteċipazzjoni diretta f'attivitajiet popolari. Dawn l-inizjattivi jvarjaw minn attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali, mill-iskejjel kif ukoll dawk imtellgħa minn entitajiet mhux governattivi u privati.

Fost dawn, fl-aħħar xhur, spikkat il-parteċipazzjoni f'attivitajiet organizzati mill-iscouts ta' Ħal Tarxien, mis-Soċjetà Mużikali Peace tan-Naxxar, Open Day mill-kumpanija Virtu Ferries, skejjel fir-Rabat, Ħal Safi, iż-Żejtun u l-Malta Visual and Performing Arts School (MVPA). Hawnhekk, l-uffiċjali tad-Direttorat jispjegaw lill-pubbliku preżenti l-ħidma li jwettaq id-Direttorat u jwasslu dak kollu relatat mad-diversi kampanji li jkun imbarka fuqhom id-Direttorat.

Id-Direttorat, wara l-esperjenza pożittiva ferm fl-Iskola Sekondarja ta' Ħad-Dingli fi ħdan il-Kulleġġ San Nikola, kompla bil-proġett pilota fl-Iskola Medja ta' Ħal Kirkop tal-Kulleġġ San Benedittu, fejn kull nhar ta' Erbgħa nżommu l-appuntament billi nagħtu informazzjoni u edukazzjoni dwar speċi differenti ta' annimali u l-ħarsien tagħhom. Kull darba jattendu għal dawn il-laqgħat madwar 25 student flimkien ma' numru ta' għalliema. Fl-aħħar tas-sena skolastika dawn l-istudenti se jingħataw ċertifikat ta' attendenza u rikonoxximent li jagħmel parti miċ-ċertifikat ta' tmiem l-iskola sekondarja, l-SSC&P (Secondary School Certificate and Profile).

Inizjattivi bħal dawn, filwaqt li jkomplu jgħinu sabiex id-Direttorat jersaq dejjem aktar viċin in-nies, jgħinu wkoll sabiex tkompli tissaħħaħ il-viżibilità u l-għarfien dwar is-servizzi li l-istess Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali joffri permezz tal-ħidma tiegħu.

| Sena | Klieb Addottati | Qtates Addottati |
|---|---|---|
| 2016 | 324 | 133 |
| 2017 | 292 | 201 |
| 2018 | 479 | 252 |
| Total | 1095 | 586 |



Attività mat-tfal rigward il-ħarsien tal-annimali



Uffiċjal jagħti informazzjoni lill-pubbliku

# SUĊĊESS GĦALL-WINE APPRECIATION EVENT

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri fetaħ il-Wine Appreciation Event, fejn matulha dawk kollha preżenti setgħu japprezzaw il-livell għoli ta' nbejjed li joffru l-għassara fil-gżejjer tagħna. Fl-indirizz tiegħu, is-Segretarju Parlamentari qal li saret ħidma kbira biex din il-kampanja tingħata identità, xogħol li sar flimkien mal-produtturi tal-inbejjed DOK Malta, DOK Gozo u IGT Maltese Islands, u sostna li llum din il-kampanja kienet suċċess fl-għan tagħha li tinforma lill-konsumatur Malti fuq xi tfisser it-tikketta DOK u IGT fuq il-flixkun tal-inbid. Camilleri spjega kif "dan sar għaliex il-kampanja inkludiet promozzjoni vasta u llum saħansitra wasalna biex intellgħu din l-attività."

Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri qal li "meta tajna bidu għall-kampanja Wines of Distinction, proprju sena u nofs ilu, f'Ottubru tal-2017, l-għan tagħna kien li ninfurmaw kemm jista' jkun lill-pubbliku dwar dawn l-inbejjed." Dan għaliex studju li kien sar mid-Direttorat tal-Agrikoltura, ftit qabel l-2017, kien indika li filwaqt li ċ-ċertifikazzjoni DOK u IGT kienet ilha f'pajjiżna 10 snin, u minkejja li jidher li l-perċezzjoni dwar inbid lokali ta' kwalità kienet bdiet tieħu xejra pożittiva, kien ċar li kien għad fadal il-bżonn li jkun hemm aktar għarfien dwar l-inbejjed u l-kwalità tagħhom. L-Onor. Clint Camilleri spjega kif wara li mbagħad kienu saru diskussjonijiet mal-produtturi tal-inbid sabiex jinftiehmu aħjar il-bżonnijiet tagħhom, sar pjan sabiex ikompli jsir investiment fil-kampanja ta' promozzjoni tal-inbid, bil-għan li tqajjem kuxjenza u interess dwar il-karattru distintiv ta' nbejjed ta' kwalità prodotti f'Malta u f'Għawdex.

L-iskop aħħari ta' din il-kampanja huwa li kemm il-popolazzjoni lokali, kif ukoll ir-residenti barranin li jgħixu f'Malta, jagħrfu d-dedikazzjoni u x-xogħol kollu li jsir biex inbid ta' kwalità bħal DOK Malta, DOK Gozo u IGT Maltese Islands jasal fuq il-mejda tal-konsumatur.

Il-kampanja se tintemm din is-sena meta tiġi wkoll imnedija rotta tal-inbejjed (wine trail) li tiġbor fiha l-għassara tal-inbejjed DOK u IGT fiż-żewġ gżejjer. Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri temm jgħid li l-isem Wines of Distinction, fih innifsu juri tassew xi jfissru dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi u esprima li jinsab kburi li Malta u Għawdex nipproduċu nbejjed ta' kwalità għolja u distinta li ġew rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea u fuq kollox protetti bl-istess mod li huma protetti nbejjed tal-ogħla kalibru fl-Ewropa kollha.



Photo - DOI - JASON BORG

Wine Appreciation Event

*“Today I can proudly say that due to the vast promotion for the general public this campaign turned out to be successful and managed to instill appreciation in the Maltese consumer with regards to the meaning of production of DOK and IGT wines.”*

**Clint Camilleri**
**Parliamentary Secretary**








DOK Malta, DOK Gozo and IĠT Maltese Islands are registered EU wines and enjoy European protection. In our islands we have around 800 vinegrowers and most production today is geared towards IĠT and DOK. Production nowadays is more or less stable with around (two million) 2,000,000 bottles anually of DOK & IGT wine, with the four most popular varities being Girgentina, Chardonnay, Ġellewża and Merlot.

The production of these wines today is guaranteed and all wines bearing the mark has been certified in accredited laboratories abroad. In Malta & Gozo there are a total of 19 wineries, of which 12 produce DOK & IĠT. Amongst them they cultivate circa 430 hectares of vines.

# IL-PARK NAZZJONALI TA' TA' QALI U L-UŻU TAL-MALTA FLORA & FAUNA APP

Dan l-artiklu nkiteb minn
John Gauci
Uffiċjal Agrikolu fi ħdan Ambjent Malta

Il-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali hu wieħed mit-tmien siti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' Ambjent Malta. Dan is-sit kemm jista' jkun, jinżamm fi stat naturali u għalhekk il-manutenzjoni tal-post tħares numru ta' ċikli naturali. L-effett tan-nuqqas ta' xita nħass sew f'dawn l-aħħar snin. Għalhekk ġew applikati numru ta' miżuri biex inaqqsu l-effetti negattivi li bdew jiġu osservati fis-sit. Dawn il-miżuri jinkludu, l-għażla ta' speċi ta' siġar u arbuxelli li ġew imħawla fis-sit, l-immaniġġjar tal-ħamrija, użu mill-mulch li jiġi ġġenerat fis-sit stess kif ukoll billi jkun sar iktar kontroll ta' kif tintuża s-sistema tal-irrigazzjoni.

Qabel isiru numru ta' interventi bħaż-żbir, it-tneħħija ta' speċi invasivi u r-restawr ta' postijiet varji fil-park, issir komunikazzjoni mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) sabiex tiġi assigurata l-aħjar prattika f'dan ir-rigward.

F'Jannar ta' din is-sena ġew installati numru ta' tabelli ta' informazzjoni fil-park, sabiex il-viżitaturi jkunu jistgħu jsegwu aktar mill-qrib numru ta' żoni ta' interess. It-tabelli ġew installati bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu tal-mservices. L-mservices jikkonsistu minn 34 mobile app u 20 sit elettroniku kompatibbli mal-mobile. Il-proċess sabiex dak li jkun ikollu aċċess sħiħ għal din is-sistema hu li jidħol fl-app store tal-mobile, jikteb il-kelma Maltapps, u ssib l-apps u s-siti lesti biex jitniżżlu. Wieħed minn dawn is-servizzi pubbliċi jġib l-isem ta' Malta Flora & Fauna.

Meta l-viżitaturi jżuru l-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali jistgħu jagħmlu użu minn din il-mobile app billi jimxu lejn waħda mit-tabelli li jinstabu stazzjonati fil-ġnien u jiskenjaw il-QR code li jsibu fuq din it-tabella. Wara li jsir dan kollu, is-sistema awtomatikament ħa turi lill-utent stampa tal-post ta' interess li jkun għażel hu stess mit-tabella, kif ukoll mappa b'sistema ta' navigazzjoni GPS u informazzjoni utli.

Il-ħidma fuq dawn is-servizzi se tkompli għaddejja sabiex ikunu aktar informattivi fir-rigward ta' speċi ta' flora u fawna li jinsabu fis-siti amministrati minn Ambjent Malta. Dan ukoll jgħin sabiex ikun hemm aktar għarfien u edukazzjoni dwar il-ħidma li għaddejja sabiex dawn is-siti jiġu protetti u mħarsa.


Il-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali


Masġar ġewwa Ta' Qali



Tabella ta' informazzjoni ġewwa Ta' Qali

# INVESTIMENT FIL-BIĊĊERIJA



Photo - MESDC - JOSEPH MERCIECA

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri ħabbar investiment ieħor fil-biċċerija tal-Marsa b'valur ta' €125,000. Dan l-investiment jinkludi restawr ta' struttura li kienet iżżomm l-ilma mibnija fl-1930 kif ukoll xogħol ta' tibdil ta' soqfa u toroq interni. Ix-xogħol ta' restawr fuq din l-istruttura qiegħed isir wara li ġie ffirmat Memorandum of Understanding mal-Università ta' Malta, fejn il-Professur Ruben Paul Borg ġie inkarigat bħala l-perit ta' dan il-proġett.

"Huwa importanti li nkomplu ninvestu fil-biċċerija ta' pajjiżna biex b'hekk il-konsumatur ikun aktar assigurat mill-kwalità tal-prodott Malti," tenna s-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri filwaqt li saħaq li llum wara li sar l-investiment neċessarju, il-biċċerija laħqet l-ogħla livelli ta' standards Ewropej. Dan il-proġett huwa mistenni jitlesta sa wara s-sajf.



Photo - DOI - KEVIN ABELA

# IL-KAPPELLA TA' SAN PAWL EREMITA

Dan l-artiklu nkiteb minn
David Bartolo
Riċerkatur tal-Istorja ta' Malta



Fil-wied magħruf bħala Wied il-Għasel fil-lokalità tal-Mosta nsibu kappella magħrufa bhala San Pawl Eremita. Din il-kappella tinsab parti minnha mibnija ġewwa għar f'irdum tal-imsemmi wied.

Din il-kappella hija konnessa ma' diversi leġġendi. San Pawl l-Eremita kien jingħad li kien joqgħod fl-għar li fih hemm il-kappella msemmija. Leġġenda tgħid li dan l-eremita ħarab minn dan il-post lejn Għawdex fejn qasam fuq il-mantell tiegħu. Dan għamel hekk minħabba l-persekuzzjoni u t-tnassis ta' xi abitanti li kien jikkritikahom u jipprietkalhom minħabba l-imġiba tal-ħajja tagħhom. Il-leġġenda tkompli tgħid li dawk in-nies wara li raw hekk, nidmu u bnew kappella ġol-għar.

Il-kappella tissemma fil-vista pastorali li għamel il-Viżitatur Appostoliku Mons Pietru Dusina fl-1575 u hija mniżżla wkoll fl-ewwel ktieb tal-istorja ta' Malta li nkiteb fl-1647 minn Ġan Franġisk Abela.

Minħabba l-istat ħażin tal-kappella, fl-1656, ċertu Ġan Pawl Mangion talab u ngħata l-permess mill-Isqof Balaguer Camarasa biex l-għar jibdlu f'kappella żgħira.

Maż-żmien il-kappella reġgħet sfat fi stat ħażin u fl-aħħar nofs tas-seklu 20 din sfat vittma wkoll mill-ħallelin u l-vandali u għaddiet minn ħerba sħiħa. Wara ċertu żmien reġgħet ingħatat l-importanza li jistħoqqilha u ġiet restawrata.

Il-kappella għandha altar wieħed tal-irħam u pittura fuqu ta' San Pawl l-Ewwel Eremita ma' San Anton Abbati. Dan huwa kopja tal-oriġinali li jinsab fil-Knisja tar-Rotunda tal-Mosta. Fl-għar iktar 'il ġewwa jinsab altar ieħor żgħir li fuqu hemm il-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja, bil-Bambin, l-Anġli u l-Erwieħ tal-Purgatorju.



# TOWARDS A NET ZERO IMPACT UTILITY

Kien approvat uffiċjalment il-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, "Towards a Net Zero Impact Utility," li se jkun qed jara investiment ta' aktar minn €130 miljun biex tittejjeb b'mod drastiku l-kwalità tal-ilma f'Malta u f'Għawdex, jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja, tikber l-effiċjenza, u jiġi kkonservat l-ilma tal-pjan.

Iċ-ċerimonja, li saret fejn qed jinbena reverse osmosis ġdid f'Għawdex bħala wieħed mill-proġetti ewlenin, kienet indirizzata fost l-oħrajn mis-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri. Huwa qal li biex inkunu kapaċi nirrealizzaw l-aspirazzjoni tagħna li Għawdex isir ***destination of choice***, għandna bżonn li jkollna infrastruttura tal-ogħla livell. "L-element importanti ta' dan il-proġett huwa t-titjib fil-provvista tal-ilma u li Għawdex isir awtosuffiċjenti f'dan l-aspett. Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri stqarr li huwa fiduċjuż li l-proġetti tal-Korporazzjoni se jkunu proġetti importanti għal pajjiżna.

Il-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma Joe Mizzi qal li l-proġett mhux biss ġie approvat minn istituzzjonijiet Ewropej iżda ġie kkunsidrat ukoll minn Jaspers, li huma l-konsulenti tal-Kummissjoni Ewropea, bħala eżempu ta' prattiċi tajba. Huwa fakkar li dan il-proġett, b'mod ħolistiku, involva xogħol kbir ta' preparazzjoni u pjanijiet sas-sena 2050 u għaldaqstant irringrazzja lill-uffiċjali tal-Korporazzjoni li ħadmu bla heda biex jitlestew diversi studji importanti u estensivi.

Min-naħa tiegħu l-Kummissarju Ewropew Karmenu Vella qal li l-UE se tkun qed tagħti madwar €73 miljun fondi għal dan il-proġett, li l-għan ewlieni tiegħu hu li jiżgura provvista kontinwa u kwalità aħjar tal-ilma tajjeb għax-xorb. Huwa semma kif fl-istess waqt dan il-proġett se jkun qed inaqqas l-impatt negattiv fuq l-ambjent li normalmemt jiġi kkawżat matul l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ilma. Il-Kummissarju Vella fakkar li l-ilma huwa riżorsa importanti mhux biss għall-eżistenza tagħna l-bnedmin, imma anke għall-ambjent u l-ekonomija tagħna, għalhekk jeħtieġ li nużawh b'mod aktar sostenibbli, biex b'hekk ikollna provvista sigura għal issa u għall-futur.



Photo - MESDC - JOSEPH MERCIECA


Photo - MESDC - JOSEPH MERCIECA

# ABITAZZJONIJIET U STRUTTURI AGRIKOLI FL-IMGĦODDI

Fi żmien fejn il-mobilità kienet nieqsa ħafna, kien importanti ħafna fejn wieħed seta' joqgħod. Dan mhux sempliċiment post ta' kenn, imma anke fejn setgħu jsibu l-għajxien tagħhom, speċjalment fejn kien l-eħfef takkwista ilma frisk u ikel bnin. Dan ma kien faċli xejn għal missirijietna, għax il-Gżejjer Maltin huma żgħar, u peress li r-riżorsi naturali kienu u għadhom limitati ħafna, minn dejjem kienet diffiċli biex issib biċċa art vera fertili. Ftit kienu l-inħawi fejn kien hemm biżżejjed ħamrija mikxufa fejn wieħed seta' jiżra' l-ħxejjex tiegħu, u fejn jinżamm l-ilma s-sena kollha, minħabba s-sistemi tal-widien, fejn kien jinġarr l-ilma tax-xita, u fejn kienu jiffurmaw l-għejun. Minkejja dawn id-diffikultajiet, l-antenati tagħna rnexxielhom jgħixu fejn setgħu.

Fil-qedem in-nies kienu primarjament jgħammru fl-għerien, qabel ma bdew jiffurmaw l-irħula. Minħabba li l-ġeoloġija tal-Gżejjer Maltin tvarja sew bejn it-Tramuntana, il-Majjistral u n-naħa t'isfel, kienet taffettwa ħafna fejn kienu jgħixu n-nies, jekk hux fl-għerien jew fl-irħula. Meta għadda ħafna żmien, kien hemm perjodu fejn ċerti nħawi kienu ddominati bl-irħula żgħar, u fl-istess ħin f'ċerti nħawi oħra kienu l-għerien fejn iddominaw il-komunitajiet. L-għerien li kienu okkupati jinstabu l-iktar mal-ġnub tal-widien fondi, speċjalment mas-sisien u mal-irdumijiet. Id-daqs tal-għerien ivarja, bejn dawk li baqgħu naturali, u dawk li kienu mnaqqxin, kemm fil-wita kif ukoll fil-fond, biex jakkomodaw in-nies u l-bhejjem tagħhom. Saħansitra wħud mill-għerien ġew iktar mibdulin, għax hemm il-ħitan tas-sejjieħ mibnijin fihom fejn kienu jżommu l-bhejjem. Xi wħud mill-għerien ġew mibdula f'miġbħa għan-naħal, miksijin bil-knaten antiki u ħamrija, imtaqqbin għan-naħal biex jidħlu u joħorġu. L-ikbar komunitajiet estinti tal-għerien jinstabu l-Mellieħa, bħal tal-widien ta' San Niklaw u Ġnien Ingraw. Dan kien possibbli minħabba l-ġeoloġija u ġeomorfoloġija tal-inħawi, fejn huwa sew għoli mill-livell tal-baħar, u li huwa kollu Qawwi ta' Fuq. L-irdumijiet, fejn jinstabu iktar fl-inħawi ta' fuq ta' Malta u Għawdex, jipprovdu ħafna rkejjen tal-għelieqi u xquq fejn kienu jservu ta' kenn għall-agrikoltura lokalizzata.

Fin-naħa t'isfel ta' Malta, it-topografija tal-gżira hija pjuttost ċatta kkumparata man-naħa ta' fuq. Minħabba f'hekk, l-għerien huma rari hawn, allura l-għerien ma kinux biżżejjed biex jiżviluppaw komunitajiet agrikoli, allura żviluppaw l-ewwel irħula. L-irħula primittivi kienu sempliċement erba' rziezet bil-merħliet u r-raħħala tagħhom. Fil-fatt, il-kelma 'raħal' ġejja minn raħħal. L-isem Imrieħel oriġina minn merħliet. L-irziezet u l-irħula nbidlu matul iż-żmien, fejn l-eqdem irziezet kienu mibnjin bil-ġebel tas-sejjieħ, bħalma nsibu fl-inħawi tal-Manikata, imbagħad żviluppaw iktar u ikbar bil-knaten fl-epoka tal-Kavallieri, xi uħud bl-arma tal-Gran Mastri ta' dak iż-żmien.

Strutturi oħra li nbnew bil-ġebel tas-sejjieħ huma l-giren, girna hija waħda. Il-giren ukoll inbidlu maż-żminijiet bħala struttura. Ħafna mill-giren huma mibnija bil-ġebel tal-qawwi, ftit kienu bil-ġebel tal-franka. Il-giren antiki kienu mibnija fit-tond, bil-koppla, xi ftit mingħajr. Il-giren riċenti (għalkemm xorta mibnija xi żewġ sekli ilu) inbnew b'mod kwadru, xi ftit minnhom jixbhu d-Dammusi antiki ta' Lampedusa u Pantellerija. Bla dubju l-giren kienu iktar komuni fil-qedem, imma llum saru rari, fejn l-ikbar numru ta' giren jinstabu fl-inħawi tal-Mellieħa, rari ħafna f'Għawdex u f'Kemmuna. Giren moderni nbnew bi stil jixbhu lill-forom antiki, imma mhux bil-ġebel tas-sejjieħ. Giren kbar kienu jintużaw biex jgħixu n-nies u l-bhejjem fihom, filwaqt li ż-żgħar kellhom skop bħala għorfa għall-għodda.

Kif semmejna qabel, l-ilma ġieri kien l-iskop fejn l-irħula żviluppaw. Dan ma jeskludix il-fatt li ħafna mill-irħula żgħar u mill-irziezet ma



Girna kwadra



Girna li tixbah id-Dammusi

STRUTTURI

kellhomx ilma ġieri s-sena kollha, u kienu jiddependu ħafna mill-ħażna tax-xita, billi kienu jibnu l-ġwiebi, u jħaffru biex jibnu bjar u ċisterni kbar taħt l-art. Ilma ġieri tas-sena kollha kien joriġna mill-għejun, għajn hija waħda. L-ilma tal-għejun jiġi mill-ħażniet ta' ilma ġieri (perched aquifers) fejn jimtlew malajr wara ħalbiet tax-xita. Dawn il-ħażniet tal-ilma ġieri għenu l-iżvilupp tal-ewwel belt ewlenija, l-Imdina. Permezz ta' mini tal-ilma mħaffra fil-blat, il-belt tal-Imdina kellha aċċess għall-ilma ġieri s-sena kollha. Apparti l-Imdina, dawn il-mini jinstabu wkoll f'bosta nħawi oħra fin-naħa ta' fuq ta' Malta, fosthom Ta' Lippija. Dawn kienu l-uniċi strutturi ta' ilma ġieri qabel ma nbnew l-akwadott u l-boreholes. Il-mini tal-ilma ġieli kienu jitqabbdu mal-kanali, ukoll magħrufin bħala swieqi (singular: sieqja) tal-għelieqi biex iwasslu l-ilma fil-ġwiebi u fl-għelieqi li kellhom jissaqqew.

Hija meravilja kif l-antenati tagħna, b'teknoloġija pjuttost primittiva mqabbla ma' tal-lum, kellhom l-għarfien biex jibnu dawn l-istrutturi biex addattaw għaċ-ċirkostanzi ta' żminijiethom. Għalhekk huwa meħtieġ li nikkonservaw dan il-wirt agrikolu li jagħmilna vera Maltin.

Referenzi: www.ilmiklem.com/l-art-u-l-bahar/

Dan l-artiklu nkiteb minn Jeffrey Sciberras, Arnold Sciberras u Dr Keith Buhagiar


Girna tonda


Għerien mas-sisien


Għar bis-sejjieħ


Razzett bis-sejjieħ


Miġbaħ Antik


Għar Mibni

# IL-BDIEWA ORGANIĊI F'MALTA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Maria Micallef
Uffiċjal Agrikolu Anzjan

Mill-aħħar statistika li ħarġet irriżulta li 0.2% tal-art agrikola qiegħda tintuża għall-biedja organika fil-Gżejjer Maltin. Il-biedja organika hija metodu ta' tkabbir tal-prodotti agrikoli viċin iċ-ċiklu naturali kemm jista' jkun. Dan jirrikjedi li jintużaw b'limitu strett ħafna fertilizzanti artifiċjali jew pestiċidi sabiex ikun hemm kontaminazzjoni mill-inqas. Tajjeb inkunu nafu wkoll illi l-użu ta' organiżmi ġenetikament modifikati huwa projbijt fi ħdan il-biedja organika. Il-bdiewa sabiex jiġu rikonoxxuti u ċċertifikati organiċi jridu l-ewwel jgħaddu minn stadju ta' konverżjoni li jieħu sentejn. Dawk il-prodotti li huma ċċertifikati organiċi jew f'konverżjoni nsibu fuqhom marka b'forma ta' werqa mdawra bi stilel (ara l-istampa tal-illustrazzjoni). Din tingħata wara li l-prodotti jiġu esposti għall-analiżi skont il-Liġi Organika. Illum il-ġurnata insibu 19-il produttur/produttriċi organiċi.

## Sfidi li jiltaqgħu magħhom

Waqt laqgħa mal-bdiewa organiċi li waqqaf id-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività fi ħdan id-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali ħarġu ħafna punti importanti. Però l-iktar ħaġa li kienet tispikka kienet id-devozzjoni u l-impenn ta' dawn il-bdiewa lejn il-konservazzjoni tal-ambjent naturali u l-benefiċċji kollha li ġġib magħha. In-natura nnifisha lkoll nafu li xi kultant tkun ta' xkiel għall-bdiewa għaliex kemm jekk hi nixfa, ħafna ilma jew riħ qawwi, ilkoll jagħmlu l-ħsara. Minbarra l-isfidi naturali u l-problema ta' nuqqas ta' art disponibbli sabiex jaħdmuha huma jiltaqgħu wkoll ma' sfidi sabiex iżommu annimali li jiġru barra 'l bogħod mill-għalqa u mill-prodott fost l-oħrajn.

## Spejjeż u xogħol

Kull sena bidwi organiku jrid iħallas miżata annwali lill-MCCAA (regolatur) ta' minimu €150 u massimu €540 skont kemm għandu raba'. Dan ikopri l-provi li jsiru matul is-sena fuq il-prodotti. Apparti dan il-bidwi organiku jrid jimla formoli li jirrikjedu ħafna ħin. Fost oħrajn f'dawn il-formoli nsibu informazzjoni rigward dak li ġie prodott, ir-rotazzjoni tal-prodotti, il-kimiċi li ngħataw u l- ammont ta' prodotti li nbiegħu. Sfida oħra li jiltaqgħu magħha hija li ċerti pestiċidi li jistgħu jintużaw ikunu iktar għaljin minn dawk għall-użu konvenzjonali. Minbarra dawn l-iskoraġġimenti kollha, il-bidwi organiku jsib ruħu wkoll b'inqas biegħa minn dak li hu konvenzjonali. Dan għaliex ikun hemm iktar ħsarat ladarba ma jintużax bexx eċċessiv. Dan iwassal għal inqas dħul għall-bidwi organiku.

Il-ħajja fl-għalqa tirrikjedi wkoll ħafna ħin li jekk ma jiġix ridott b'avvanzi fit-teknoloġija jew b'iktar bdiewa f'dan il-qasam tispiċċa tintilef għal dejjem il-produzzjoni agrikola Maltija. Iż-żgħażagħ mhumiex lesti bħal missirijietna li ma jkollhomx ħajja soċjali minħabba x-xogħol intensiv li jirrikjedi x-xogħol tal-biedja. B'hekk riflessjonijiet serji fuq dan is-settur huma kruċjali! Id-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività fi ħdan id-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali flimkien ma' dipartimenti oħra qed jagħmlu serje ta' laqgħat sabiex jinvestigaw x'jista' jsir. Minbarra dan, studji oħra qegħdin jiġu investigati sabiex jittieħdu miżuri addattati. Il-biedja organika hija metodu ta' kif nissalvagwardjaw l-ambjent, l-ilma tal-pjan sabiex ikun hemm inqas kontaminazzjoni u kif ukoll lilna nfusna!

EU Organic Logo

# PESTIĊIDI BOTANIĊI MINN PJANTI LOKALI

L-Unjoni Ewropea għandha miri li sas-sena 2050, id-duwa għall-pjanti tkun minn pjanti u ħxejjex slavaġ sabiex l-użu tal-pestiċidi magħmula minn kimiċi sintetiċi jonqos. Il-mod naturali ta' kif il-bidwi u l-konsumatur jieħdu l-metaboliti sekondarji mill-pjanti biex jużawhom għall-ħarsien tal-pjanti minn mard u insetti għedewwa qiegħed jingħata għarfien qawwi f'ċerti pajjiżi li jagħmlu minn kollox biex ikunu fuq ta' quddiem f'dan is-settur tal-Agroekoloġija. Il-MOAM qed tagħti kontribut fit-tifrix tal-għarfien fuq l- Agroekoloġija sabiex il-Maltin u l-Għawdxin ikunu minn tal-ewwel li jħaddnu l-prinċipji tal-Agroekoloġija.

F'Malta tnieda l-ewwel seminar tal-Agroekoloġija fejn ġie spjegat kif wieħed jista' jagħmel xi duwi b'mod naturali. Lista ta' pjanti li jintużaw fil-ħarsien tal-pjanti tqassmet lill-parteċipanti li attendew għas-seminar. L-NGO Maltija Favur il-Biedja Organika se tkompli tniedi seminars fuq l-Agroekoloġija fix-xhur li ġejjin f'diversi rħula. Min irid jattendi jista' wkoll jidħol membru mingħajr ħlas mal-MOAM.

# HAWN TAĦT IL-LISTA LI TFASSLET MINN MARIO SALERNO – PRESIDENT TAL-MOAM U PROF. EVERALDO ATTARD.

| Sors | Estrattant | Parti tal-pjanta | Tul ta' Estrazzjoni | Applikat fuq | Kontra | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Taħlita | Ilma | Paste | Għaxart ijiem | Xitel u pjanti | Insettiċida | Taħlita ta' gramma ġinġer, żewġ grammi tewm, gramma bżar aħdar u 5 litri awrina tal-baqar. Kontra t-thrips, leaf roller, brieghed, bugs, susa u afidi |
| Bżar tal-Filfel/ Tewm | Ilma | Frott | 24 siegħa | Xitel u pjanti | Insettiċida | Uża partijiet indaqs; żomm il-kontenitur issiġillat |
| Ħurrieq | Ilma | Weraq | Ġimgħa | Xitel u pjanti | Fungiċida | Jagħmel riħa mhix pjaċevoli |
| Rignu | Ilma | Żerriegħa, weraq, fjuri, frott | Ġurnata | Xitel u pjanti | Insettiċida, nematoċida | Tista' taffettwa n-naħal; Attenzjoni għax velenuża |
| Basal | Żejt | Basal | Ġurnata | Weraq | Insettiċida | Żomm il-kontenitur issiġillat; żid ftit qtar tas-sapun mat-taħlita u ħawwad sew |
| Ċitru | Ilma | Qxur tal-frott | Ġurnata | Xitel u pjanti | Insettiċida | Għalli għal 15-il minuta; Attenzjoni għax jista' jaffettwa lin-naħal |
| Ewkaliptus | Żejt | Weraq u fjuri | Ħamest ijiem | Weraq | Fungiċida, insettiċida | Żid ftit qtar tas-sapun mat-taħlita u ħawwad sew |
| Nagħniegħ | Żejt | Weraq | Ħamest ijiem | Weraq | Fungiċida, insettiċida | Żomm il-kontenitur issiġillat; żid ftit qtar tas-sapun mat-taħlita u ħawwad sew. Effettiv konta l-mell dqiqi. |
| Plejju | Żejt | Weraq | Ħamest ijiem | Weraq | Insettiċida | Żomm il-kontenitur issiġillat; jista' jitkabbar fil-qsari sabiex igerrex diversi insetti; żid ftit qtar tas-sapun mat-taħlita u ħawwad sew |
| Tabakk tas-Swar | Ilma | Weraq, fjuri | Ħamest ijiem | Weraq | Insettiċida, molluskiċida | Żomm il-kontenitur issiġillat; jista' jagħmel ħsara lin-naħal u anke lill-bniedem; wieħed għandu jilbes il-protezzjoni |
| Ingliża (il-Qarsu) | Ilma | Ħaxixa | Jumejn | Siġar taċ-ċitru | Nutrijenti | Tbexxx fuq il-weraq |
| Alka | Ilma | Weraq | Jumejn | Siġar taċ-ċitru | Nutrijenti | Tbexxx fuq il-pjanta; fiha ħafna potassju u jodju; ġieli jitħallat mad-demel wara li jinħasel sew mill-melħ |
| Tadam | Ilma | Weraq | Matul il-lejl | Xitel u pjanti | Insettiċida | Uża l-weraq xiħ (minn naħa t'isfel); Attenzjoni għax jista' jaffettwa lin-naħal. Effettiv kontra t-thrips. |
| Ġinġer | Żejt | Għeruq | Matul il-lejl | Weraq u z-zokk tal-pjanta | | Żomm il-kontenitur issiġillat; żid ftit qtar tas-sapun mat-taħlita u ħawwad sew |
| Turmerik | Ilma | Għeruq | Matul il-lejl | Xitel u pjanti | Insettiċida, fungiċida | Tista' żżid 1.5 grammi ta' baking soda mat-taħlita |
| Bżar tal-Filfel | Ilma | Frott | Ta' dak il-ħin | Xitel u pjanti | Insettiċida | Għalli għal 15-il minuta, żid 20 qatra sapun likwidu. Effettiv kontra l-miskta. |
| Lellux | Ilma | Fjuri | Ta' dak il-ħin | Xitel u pjanti | Insettiċida, nematodiċida | Għalli għal 15-il minuta |
| Ġirasol | - | Żejt | Ta' dak il-ħin | Xitel u pjanti | Insettiċida | Żid ftit qtar tas-sapun mat-taħlita u ħawwad sew. Effettiv konta l-miskta. |
| Turmerik | Irmied | Għeruq | Ta' dak il-ħin | Xitel u pjanti | Insettiċida, fungiċida | Xerred fuq il-pjanti, darba f'ġimgħa |

# ARTIKLU GĦAT-TFAL

Dan l-artiklu nkiteb minn
Maria Micallef
Uffiċjal Agrikolu Anzjan

## Insalvaw in-Naħal

Lesti għall-vaganzi tas-sajf tfal? Illum se nitkellmu fuq in-naħal u l-importanza tagħhom għalina. Iktar 'l isfel għandkom ideat ta' xi krafts li tistgħu tagħmlu għas-sajf, kif ukoll attività oħra.

In-naħal huma kreaturi tassew interessanti u bżonjużi sabiex iżommu l-ekosistema għaddejja. Meta tisimgħu l-kelma naħal x'jiġikom f'moħħkom? Forsi tiftakru fl-għasel hux hekk? Però n-naħal jagħmlu ħafna iktar għalina milli sempliċiment jipprovdulna l-għasel.

Fin-natura nsibu naħal li jgħixu f'komunità (in-naħal tal-għasel) u oħrajn solitarji. Dawn kollha jieklu l-pollen u n-nektar li jsibu fuq il-fjuri, il-frott u l-ħxejjex. Kawża t'hekk imexxu l-pollen minn fuq fjura għal oħra, mill-mara għar-raġel. B'hekk ikun jista' jikber il-frott u l-ħaxix u jkollna x'nieklu!

In-naħal tal-għasel jgħixu f'komunità u nsibu tliet tipi ta' naħal: ir-reġina, il-ħaddiema u d-droni (l-irġiel tar-reġina). Il-ħaddiema jgħixu bejn ħames u sitt ġimgħat biss u xogħolhom hu li jieħdu n-nektar lir-reġina sabiex titma' lit-tfal tagħha u jibnu u jipproteġu wkoll ix-xehda. Dawn huma n-naħal li aħna nistgħu niltaqgħu magħhom. Meta jsibu xi fjuri b'nektar tajjeb javżaw lil xu lxin billi jagħmlu żifna f'forma ta' numru tmienja u wara jagħmlu ċaqliqa b'ġisimhom sabiex juru liema naħa sabuh. Ara l-filmat :

YouTube

HTTPS://WWW.YOUTUBE.COM/WATCH?V=BFDGPGX-TK-U&T=19S

Ħafna mill-fjuri li nsibu fis-selvaġġ iserrħu fuq in-naħal u pollinatriċi oħra (bħall-friefet, dubbien u ħanfus) sabiex il-pjanti ġodda jkunu jistgħu jikbru. Il-fjuri u l-pjanti jservu bħala ikel għall-insetti, għall-annimali żgħar u għall-għasafar. B'hekk qegħdin naraw li n-naħal jagħmlu wkoll parti mis-sistema tal-katina tal-ikel.

Malta nsibu speċi endemika tan-naħla tal-għasel - *Apis Mellifera*. Endemika tfisser li tinsab fil-Gżejjer Maltin biss. (Ara l-istampa)

Illum il-ġurnata ħafna naħal qed jonqsu b'mod allarmanti. Il-kawża tan-nuqqas ta' naħal madwar id-dinja ġejja min-nuqqas ta' sorsi minn fejn jieklu u jdakkru, mill-pestiċidi, minn speċi oħra invażivi, mit-tibdil fil-klima, mit-telfien tal-ħabitat tagħhom u mit-tibdil fil-biedja.

X'nistgħu nagħmlu sabiex nuruhom li napprezzaw xogħolhom u ngħinuhom?

Nistgħu nħawlu pjanti fil-pots sabiex isibu x'jieklu u forsi anki billi nibnulhom dar. (Ara l-istampa)



Ritratt - EMANUEL CAUCHI



Xehda magħmula mill-bniedem

# Riċetti TA' ANTON B DOUGALL

## Kif Taħsel u Tipprepara l-Ħaxix

L-agħar ħaġa li tista' tiġrilek int u tiekol insalata hi li tiltaqa' ma' xi ħaġa li ma jkollha x'taqsam xejn mal-ħaxix. Pereżempju xi ġebla żgħira, xi ħamrija għadha mwaħħla mal-weraq tal-ħaxix jew xi bebbuxu jew dudu żgħir. Dawn l-affarijiet żgur li jneħħulek l-aptit li jkollok u barra minn hekk jagħtu impressjoni ta' traskuraġni.

Għalhekk huwa **ESSENZJALI** li qabel ma taħsel u tnaddaf il-ħaxix, trid taħsel u tlaħlaħ is-sink sewwa. Trid timla s-sink b'ħafna ilma u ġo fih tagħmel xi tip ta' diżinfettant apposta għall-ħaxix. Illum hawn ħafna fis-suq. L-aħjar ħaġa li tagħmel hu li tistaqsi lill-ispiżjar u jgħinek hu.

Il-ħass trid tifthu werqa, werqa. Biex tkun żgur li jitnaddaf tajjeb trid tnaddaf il-weraq waħda, waħda. Trid tbiddel l-ilma kull meta tara li jkun hemm bżonn. L-istess trid tagħmel bil-ħaxix kollu. Wara li tkun żgura li l-ħaxix tnaddaf tajjeb, neħħi l-ilma u erġa' imla s-sink. Din id-darba ma tridx iżżid l-ebda diżinfettant.

Trid tagħmel hekk għal aktar minn darba. Dan għaliex billi l-ħaxix jittiekel nej trid tkun żgura li barra tnaddaf sew; ma jridx ikollu xi togħma ta' diżinfettant.

Importanti ħafna li l-ħaxix kollu speċjalment il-ħass ikun tqattar sew; għalhekk jew tuża vegetable spinner, jew inkella tpoġġi l-ħaxix fuq karti ħoxnin li tuża fil-kċina. Jekk il-ħaxix ikun għadu mgħobbi b'ħafna ilma allura l-ebda dressing ma jaqbad miegħu.



## Insalata bil-Ħaxix Mixwi

### Metodu

Dan huwa metodu sabiħ u differenti kif tipprepara u sservi l-insalata mixwija. Jekk trid tista' sserviha wkoll bħala antipasto mħawra bi ftit żejt taż-żebbuġa u ħall balsamiko, tursin u tewm imqatta' rqiq. Il-ħaxix li trid tuża għal din l-insalata għandu jkun: qarabagħli mit-twil, brunġiel, bżar ikkulurit u nofsijiet tat-tadam. Il-ħaxix kollu jrid ikun imqatta f'biċċiet ftit jew wisq ħoxnin. L-ewwel li trid tagħmel hu li taħsel u tixxotta tajjeb il-ħaxix kollu u wara ixwi fuq il-barbeque jew grilja. Importanti li ma tħallihomx isiru ħafna.



## Insalata Mħawra

### Ingredjenti

- għaġin qasir mgħolli
- ħass, imqatta' f'biċċiet żgħar
- tadam, imqatta' flieli
- tonn taż-żejt
- basal
- bajda iebsa
- tursin
- bżar ikkulurit imqatta'
- ħjar imqatta'
- kappar
- żejt taż-żebbuġa jekk jista' jkun extra virgin
- tursin
- bajd iebes imqatta' flieli

### Metodu

1. Għalli l-għaġin, qattar u kessaħ. Poġġih ġo bieqja.
2. Miegħu żid il-ħass, it-tadam, it-tonn taż-żejt, il-bżar, il-ħjar, il-kappar, il-bżar u l-melħ. Ħawwad tajjeb.
3. Żid iż-żejt. Erġa' ħawwad mingħajr ma tgħaffeġ.
4. Żejjen bit-tursin u l-flieli tal-bajd iebes.



SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI